MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Talba Numru. 581/2007

**Talba Nru: 581/07VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334), u b'digriet tad-29 ta' Novembru 2007, l-isem tas-socjeta' attrici inbidel ghal GO p.l.c.

Vs

Jason Cini (ID. 236372M)

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet illi l-konvenut jigi kundannat ihallasha s-somma ta' mitejn , tlieta u erbghin lira Maltin, u tmienja u tletin centezmu (Lm243.38) ekwivalenti ghal hames mija, sitta u sittin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€566.92), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21806060 skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok. A u B. Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u

ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 datata 16 ta' Frar 2005 u bl-imghaxijiet mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi huwa m'ghandux jigi kkundannat li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba u dan stante l-fatt illi l-konvenut hareg mid-dar fejn hu installat is-servizz telefoniku f'Novembru 2004 u f'Novembru 2005, l-istess socjeta' iffirmat ftehim ma Marthese Cini, illi l-kontijiet pendenti fuq il-linja 21806060 ser jithallsu minnha wahidha. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Noel Scerri prodott mis-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi jidher car li s-'*subscriber*' in kwistjoni huwa proprju l-konvenut, u dana kif jidher mill-applikazzjoni (Dok. A) iffirmata mil-konvenut stess.

Illi l-kont in kwistjoni qatt ma gie kontestat mill-konvenut, izda dan ta' l-ahhar qed jikkontesta biss il-fatt illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut minnu, izda huwa dovut minn Marthese Cini, li f'Novembru tas-sena 2005 kienet iffirmat ftehim mas-socjeta' attrici, fis-sens illi l-kont pendenti fuq il-linja telefonika in kwistjoni kien ser jithallas minnha wahedha, permezz ta' pagamenti mensili.

Illi minn ezami tad-dokumenti li gew esebiti mis-socjeta' attrici stess, jidher car illi l-'*registered subscriber'* dejjem baqa l-konvenut, izda Marthese Cini kienet iffirmat ftehim mas-socjeta' attrici, bhala '*co-debtor'*, fejn gie miftiehem illi kellha taghmel pagament mensili ta' Lm40 lis-socjeta'

attrici, minn Dicembru 2005, sakemm jithallas l-ammont kollu pendenti.

Illi fl-istess ftehmin hemm immnizzel car is-segwenti kliem:- '*By this present agreement you are therefore assuming liability, **jointly and severally** together with the registered subscriber for the amount due indicated above.*'

Peress illi l-pagament mensili baqghu ma sarux da parti ta' Marthese Cini, u peress illi lanqas il-konvenut ma hallas l-ammont dovut lis-socjeta' attrici, din ta' l-ahhar kellha kull dritt li tfittex lill-konvenut ghall-hlas tal-ammont pendenti, stante li bhala *'registered subscriber'*, huwa dejjem baqa responsabbli ghall-ammont dovut.

Illi s-socjeta' attrici kellha kull dritt taghzel jew li tipprocedi kontra l-konvenut u Marthese Cini flimkien bhala debituri in solidum bejniethom, jew li tipprocedi kontra l-konvenut wahdu, kif fil-fatt ghamlet.

Fl-ahharnett, dak allegat mill-konvenut fir-risposta tieghu, u cioe illi l-ammont mhuwiex dovut minnu ghaliex Marthese Cini ftehmet li ser thallas l-ammont in kwistjoni 'wahedha', huwa ghal kollox bla bazi, ghaliex kif diga intqal, Marthese Cini ma ftehmitx illi ser thallas l-ammont dovut wahedha, izda li ser tidhol bhala ko-debitrici mal-konvenut, u li hi flimkien mal-konvenut kienu ser jassumu r-responsabbilta ghall-hlas in solidum bejniethom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa t-talba attrici, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija, sitta u sittin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€566.92), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------